**Notifikazzjoni tal-Gvern tal-2020**

**ATT DWAR IX-XANDIR**
**(KAP. 350)**

**Notifikazzjoni tal-Gvern li temenda il-Ħtiġijiet dwar Standards u u Prattika dwar Wiri u Smigħ ta' Programmi għall-Familja**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20(3) tal-Att dwar ix-Xandir, l-Awtorita tax-Xandir qegħdha timponi s-segwenti ħtiġijiet:

## Titolu fil-qosor.

1. It-titolu ta' din in-Notifikazzjoni tal-Gvern hija Notifikazzjoni tal-Gvern ____ tal-2020 temenda il-Ħtiġijiet dwar Standards u u Prattika dwar Wiri u Smigħ ta' Programmi għall-Familja, Leġislazzjoni Sussidjarja 350.18

## Emenda tal-Artikolu 1.3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 350.18

2. L-Artikolu 1.3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja għandu jiġi sostitwit kif ġej:

1.3 Dan il-mod in-numru ta' tfal fl-udjenza jintqies li jibqa' jonqos proporzjonalment aktar ma jittardja l-ħin. L-istess tistenna li jsir fi programmi oħra li jiġu wara, minn kmieni filgħaxija sa x'ħin jagħlaq l-istazzjon: dawk li jiġu kmieni jkunu aktar addattati, filwaqt li dawk li jiġu tard ikunu inqas addattati. F'din il-medda ta' ħinijiet jidher li l-10:00 ta' filgħaxija hu l-ħin li l-fornituri tas-servizzi tal-media awdjoviżiva għandhom jorbtu fuqu fejn trid tiġi

żgurata r-responsabbiltà tagħhom biex jaraw li ma jintwera xejn li ma jkunx addattat għat-tfal. Wieħed irid jassumi li mill-10.00 ta' filgħaxija 'il quddiem il-ġenituri jew persuni responsabbli mit-tfal jridu jerfgħu parti mir-responsabbiltà għal dak li jitħallew jaraw u jisimgħu t-tfal. Il-vjolenza biss mhix raġuni għaliex programm għandu jintqies mhuz tajjeb biex tarah jew tisimgħu l-familja. Hemm fatturi oħra bħalma huma l-lingwaġġ użat, id-doppju sens, ħalf jew dagħa, imġiba sesswali fid-dieher, u xeni jew imġieba ta' tbatija kbira.

**Emenda tal-Artikolu 3.1(v) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 350.18**

3. Is-subartikolu (v) tal-Artikolu 3.1 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja għandu jiġi sostitwit kif ġej:

v. servizzi tal-media awdjoviżiva maħsuba għall-kbar għandhom jixxandru biss wara l-10.00p.m. Max-xandir tas-servizzi tal-media awdjoviżiva kif ippjanati wara xulxin minn filgħaxija kmieni sa kemm jagħlaq l-istazzjon:

i. L-10.00p.m. għandu jkun il-ħin fiss sa meta l-fornituri tas-servizzi tal-media awdjoviżiva huma marbutin u responsabbli biex jiżguraw li ma jintwera l-ebda servizz tal-media awdjoviżiva mhux addattat għat-tfal;

ii. wara l-10.00p.m. jistgħu jintwerew servizzi tal-media awdjoviżivi maħsuba għall-kbar.

**Emenda tal-Artikolu 3.1(vi) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 350.18**

4. Is-subartikolu (vi) tal-Artikolu 3.1 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja għandu jiġi sostitwit kif ġej:

vi. f'servizzi tal-media awdjoviżiva is-sinjal tal-klassifikazzjoni u s-sinjal tal-kontenut ta' ħsara potenzjali irid jiġi sovvrapost fuq is-servizz tal-media awdjoviżiva, fejn ikun jidher għal matul l-ewwel 60 sekonda u jekk il-programm jieqaf għal xi ftit, matul l-ewwel 30 sekonda malli jerġa' jibda' jixxandar jew kulmeta jerġa' jibda' l-programm wara kull intervall; fi programm tar-radju x-xandar għandu jxandar avviż qabel ma jibda' l-programm fis-sens li l-program huwa indirizzat lejn udjenza matura u jekk il-programm jieqaf għal xi ftit, qabel ma jerġa' jibda' l-programm wara kull intervall;

**Emenda tal-Artikolu 3.1(viii) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 350.18**

5. Is-subartikolu (viii) tal-Artikolu 3.1 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja għandu jiġi sostitwit kif ġej:

viii. Fil-każ ta' servizzi tal-media awdjoviżiva, fornituri tas-servizz tal-media għandhom jikklassifikaw huma stess is-servizzi tal-media awdjoviżiva billi jużaw dawn is-sinjali ta' klassifikazzjoni:

U għal servizzi tal-media awdjoviżiva adattati għall-persuni ta' kull eta'. L-ittra 'U' trid tkun f'ċirku tal-kulur aħdar.

PG għal servizzi tal-media awdjoviżiva li jeħtieġu l-għajnuna tal-ġenituri peress li jistgħu ma jkunux adattati għal tfal żgħar. L-ittra 'PG' trid tkun f'ċirku tal-kulur isfar.

12A għal servizzi tal-media awdjoviżiva adattati biss għall-persuni li jkunu għalqu 12 -il sena u fuqhom iżda persuni ta' eta' iżgħar jistgħu jarawhom biss jekk ikunu akkumpanjati minn persuna adulta. In-numru '12A' irid tkun f'ċirku tal-kulur oranġo.

12 għal servizzi tal-media awdjoviżiva adjoviżiva adattati biss għall-persuni li jkunu għalqu 12 -il sena. In-numru ‘12’ irid tkun f’ċirku tal-kulur oranġo.

15 għal servizzi tal-media awdjoviżiva adjoviżiva adattati biss għall-persuni li jkunu għalqu 15 -il sena. In-numru ‘15’ irid tkun f’ċirku tal-kulur kannella.

18 għal servizzi tal-media awdjoviżiva adjoviżiva adattati biss għall-persuni li jkunu għalqu 18 -il sena. L-ittra ‘18’ irid tkun f’ċirku tal-kulur kannella.

**Żieda ta’ sub-artikolu ġdid immedjatament wara is-subartikolu (viii) tal-Artikolu 3.1 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja**

6. Immedjatament wara s-subartikolu (viii) tal-Artikolu 3.1 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja għandu jiżdied is-segwenti sub-artikoli ġodda kif ġej:

ix. Fil-proċess tal-klassifikazzjoni tas-servizz tal-media awdjoviżiva bil-mod preskritt fis-subartikoku preċedenti, il-fornituri tas-servizz tal-media għandhom jiddeċiedu wkoll dwar liema sinjal jew sinjali tal-kontenut ta’ ħsara potenzjali ser jintwerew mal-klassifikazzjoni u dan skond il-proċedura elenkata fl-Artikolu 3.1(vi) ta’ dina il-Leġislazzjoni Sussidjarja. Dan is-sinjal jew sinjali tal-kontenut ta’ ħsara potenzjali għandhom jirriffletu dik ir-ir-raġuni jew dawk ir-raġunijiet li jkunu wasslu lil fornitur tas-servizzi tal-media għall-klassifikazzjoni partikolari u dan billi jistabbillixu jekk is-servizz tal-media awjdoviżiv ikollox kontenut li jinkludi vjolenza, biża’, sess, diskriminazzjoni, abbuż ta’ alkoħol u / jew droga, jew lingwaġġ mhux xieraq.

x. Il-fornituri tas-servizzi tal-media awdjoviżiva għandhom jużaw is-segwenti sistema ta' sinjali tal-kontenut ta' ħsara potenzjali:



**VJOLENZA**



**BIŻA**



**SESS**



**DISKRIMINAZZJONI**



**ABBUŻ TA' ALKOĦOL U / JEW DROGA**



**LINGWAĠĠ MHUX XIERAQ**

## Żieda ta' artikolu ġdid immedjatament l-Artikolu 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja

7. Immedjatament l-Artikolu 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja għandhom jiżdiedu żewġ artikolu ġodda kif ġej:

**5.** Il-ksur ta' kwalunkwe waħda mid-disposizzjonijiet ta' dina l-Liġi Sussidjarja għandu jikkostitwixxi offiża amministrattiva punibbli mill-Awtorita' ai termini tal-Artikolu 41 u l-Ħames Skeda tal-att prinċipali.

**6.** Il-kliem "servizzi tal-media awdjoviżiva" u "fornituri tas-servizzi tal-media" għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija fl-Att dwar ix-Xandir, Kap 350 tal-Liġijiet ta' Malta.

## Għanijiet u Raġunijiet

L-għanijiet u raġunijiet ta' din in-Notifikazzjoni tal-Gvern huma sabiex temenda il-Ħtiġijiet dwar Standards u u Prattika dwar Wiri u Smigħ ta' Programmi għall-Familja, L.S 350.18.